MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2005

Mandat Numru. 1918/2004/1

Saviour Bugeja

Vs

Peter u Margaret konjugi Bourke

Il- Bord,

Ra l- mandat ta' zgumbrament tat- 22 ta' Settembru 2004.

Ra r- rikors tal- 25 ta' Ottubru 2004.

Sema x- xhieda bil- gurament.

Ra l- atti u d- dokumenti kollha.

Ra l- verbal tat- 13 ta' Jannar 2005.

Ikkunsidra,

1. Illi l- mizzewgin Bourke qed jitolbu s- sospensjoni ta’ mandat ta’ zgumbrament mahrug wara li Saviour Bugeja ottjena favur tieghu sentenza mill- Bord fit- 23 ta’ Gunju 2004 fil- kontumacja tal- imsemmija Bourke.

2. Illi dwar l- ewwel paragrafu tal- mizzewgin Bourke jinghad li ma hemm l- ebda nullita’ billi jithalla barra n- numru tal- gharfien tal- partijiet (art. 147(2)). L- intimata rcevew il- mandat u accettawh.

3. Il- paragrafi l- ohra jirreferu ghal smiegh mill- gdid a bazi ta’ l- artikolu 811(b) tal- Kap 12 tal- Ligijiet ta’ Malta, ghalkemm dan l- artiklu mhux imsemmi. L- artiklu jaghti l- jedd ta’ thassir ta’ senetenza u smiegh mill- gdid.

“Jekk ic- citazzjoni ma tkunx giet innotifikata lill- parti telliefa, basta li din il- parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx deheret fis- smiegh tal- kawza.”

4. L- art. 812 jaghti l- jedd ta’ smiegh mill- gdid “ta’ kawza deciza b’ sentenza moghotija minn qorti ta’ l- ewwel grad.” Dan l- artikolu japplika ghal Bord bhala ‘qorti’ ta’ l- ewwel grad.

5. L- artikolu 823 (2)

“… il- Qorti li quddiema tintalab ritrattazjoni tista’ ‘ad istanza, b’ citazzjoni, tal- parti li taghmel dik it- talba, tordna t- twaqqif ta’ esekuzzjoni tas- senetenza”

Dan l- artikolu jfisser li b’ citazzjoni jintalab thassir u smiegh mill- gdid u b’ ohra tintalab it- twaqqif ta’ l- esekuzzjoni tas- sentenza li qed tigi attakkata.

6. IL- Bord ghandu quddiem rikors mressaq wara mandat ta’ zgumbrament fejn fl- ahhar qed tintalab ir- revoka tal- mandat u b’ xi mod qed tintalab ir- ritrattazzjoni tas- sentenza wkoll. Ritrattazzjoni dwar mandat ma tinghatax fil- ligi.

7. F’ kazi bhal dawn iridu jsiru zewg citazzjoni wahda ghat- thassir u smiegh mill- gdid ta’ kawza deciza minn qorti ta’ l- ewwel grad u citazzjoni ohra ghas-sospenzjoni tal- mandat. Dan dejjem skond il- parametri li ssemmi l- Ligi.

8. Il- procedura li ghandu quddiemu l- Bord hi rrita u nulla u ghalhekk it- talba tal- mizzewgin Bourke qed tigi michuda bl- ispejjez kontrihom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------